MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 921/2002

**Gordon Mizzi, Corinne Apap Bologna u Spearhead Investments Limited.**

**-vs-**

**Dr. John C. Grech, Chevalier Maurice Mizzi, Brian Mizzi, Jeffrey Mizzi, Kenneth Mizzi, Mizzi Holdings Limited, Kastell Limited, Consolidated Holdings Limited u the General Softdrinks Company Limited, Demoncada Limited, Demoncada Holdings Limited, Devilhena Limited, u Daragon Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-9 ta' Awissu, 2002 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Illi l-attur Gordon Mizzi ghandu ghoxrin fil-mija tal-ishma tas-socjeta Demoncada Limited filwaqt li s-socjeta attrici Spearhead Investments Limited ghandha ghoxrin fil-mija tal-ishma tas-socjeta Demoncada Holdings Limited.

Illi l-attrici Corinne Apap Bologna ghanda ghoxrin fil-mija tal-ishma kemm tas-socjeta Demoncada Limited kif ukoll tas-socjeta Demoncada Holdings Limited.

Illi s-socjeta Demoncada Limited ghandha terz mill-ishma tas-socjetajiet Kastell Limited, Consolidated Holdings Limited u Mizzi Holdings Limited filwaqt li s-socjeta Demoncada Holdings Limited ghandha terz mill-ishma tas-socjeta The General Soft Drinks Company Limited.

Illi l-ishma l-ohra fis-socjetajiet Kastell Limited u The General Soft Drinks Limited jappartjenu lill-Dragon Limited u Devilhena Limited in kwantu ghal terz mill-ishma kull wiehed filwaqt li l-ishma l-ohra fis-socjetajiet Consolidated Holdings Limited u Mizzi Holdings Limited jappartjenu lill-konvenut Maurice Mizzi u Daragon Limited in kwantu ghal terz mill-ishma kull wiehed.

Illi l-istess Daragon Limited u Devilhena Limited jappartjenu lill-diversi azzjonisti uhud konvenuti f'din il-kawza.

Illi l-fuq imsemmija socjetajiet f'liemkien jifformaw u jagixxu bhala grupp, u l-kontijiet taghhom huma sew separati kemm konsolidati, billi jitmexxew u jinnegozjaw bhala grupp taht in-nom ta' Mizzi Organization.

Illi l-konvenut Dr. John C. Grech huwa c-Chairman ta' dan il-grupp ta' kumpaniji li jinnegozjaw taht in-nom Mizzi Organization, waqt li Chevalier Maurice Mizzi, Brian Mizzi, Jeffrey Mizzi, Kenneth Mizzi, u l-attur Gordon Mizzi huma kollha diretturi fuq id-deversi socjetajiet ta' dan il-grupp, u f'limkien mal-fuq imsemmi Dr. John C. Grech bhala

Chairman jifformaw l-Bord ta' diretturi u bord dirigenti ta' dan il-grupp ta' kumpaniji.

U illi l-istess grupp ta' kumpaniji ghandu management u direzzjoni wahda formata mill-bord fuq imsemmi, u d-decizjonijiet ghall-amministrazzjoni u gestjoni tal-grupp jittiehdu unitarjament fis-sede ta' dan il-Bord, liema persuni jifformaw ukoll l-bord tad-diretturi ta' Kastess Limited, Mizzi Holdings Limited, Consolidated Holdings Limited u The General Soft Drinks Company Limited.

U illi n-negozju tal-istess socjetajiet u diversi socjetajiet ohra appartenenti lill-istess grupp ta' socjetajiet u qieghedin jigu gestiti b'mod li jarreka pregudizzju evidenti u serju lill-atturi u dan billi, fost affarijiet ohrajn, tali negozju qed jitmexxa b'mod irresponsabbli mid-Diretturi konvenuti fejn anki jirrizulta kunflitt ta' interess fit-tmexxija taghhom, kif ser jigi pruvat ahjar tul is-smiegh tal-kawza.

U illi l-atturi qieghedin jigu sistematikament u volutament esklusi u emarginati minn kull decizjoni li tirrigwara n-negozju ta' l-istess grupp kif ukoll minn partecipazzjoni attiva fit-tmexxija tan-negozju tal-istess grupp, anki billi m'humiex qeghdin jinghataw certu informazzjoni minnhom rikjesta u li tispettha lilhom u sahansitra saru dikjarazzjonijiet foloz.

U illi l-operazzjonijiet tal-istess grupp qieghedin jigu strutturati b'tali mod u tfasslu pjanijiet u skemi ta' rimunerazzjoni lill-grupp dirigenti ta' dan il-grupp ta' socjetajiet, liema skemi tfasslu mill-istess persuni li rcevew l-beneficcju taghha, b'mod
li l-parti sostanzjali tal-qliegh intier tal-istess grupp qieghed jittiehed mid-diretturi u Chairman hawn konvenuti u mill-management tal-istess grupp b'evidenti diskapitu tal-istess konvenuti bhala azzjonisti f'dan il-grupp, kif ukoll ta' azzjonisti minoritarji ohra li ma humiex qieghedin jircevu rimunerazzjoni adegwata u xierqa ghall-kapital investit fin-negozju ta' l-istess grupp u li jirrifletti l-livell ta' negozju li qieghed jaghmel l-istess grupp.

U illi l-management ta' l-istess grupp ta' socjetajiet qieghed jircevi rimunerazzjoni eccessica partikolarmanet meta wiehed izomm in konsiderazzjoni l-qliegh miseru li qieghedin jircevu l-azzjonisti.

U illi l-mekkanismi ta' amministrazzjoni tal-istess grupp ta' socjetajiet qieghed progressivament jaggrava l-posizzjoni tal-istess konvenuti billi qieghed jikkoncentra l-poter decizjonali effettiv u l-qliegh li jsir mill-grupp dejjem f'idejn cirklu ristrett ta' persuni hawn konvenuti.

U illi fuq diversi snin l-atturi gew assoggettati ghal sistema ta' oppressjoni ta' natura kontinwa u persistenti, li hija oneruza, kiefra, u hazina, u din intiza sistematikament biex jeliminawhom sija mill-partecipazzjoni fin-negozju tal-grupp sija fil-qliegh rikavat mill-istess grupp, u dan b'diskriminazzjoni anke evidenti ma socji ohra fi hdan l-istess grupp.

U illi l-gestjoni tan-negozju ta' l-istess grupp hija intrisa minn irregolaritajiet u metodi oppressivi u zbaljati fosthom nuqqas ta' trasparenza fil-gestjoni ta' l-assi tal-grupp; u billi kien hemm anke okkazzjonijiet fejn diversi mankanzi fil-gestjoni tal-grupp f'rapporti lilhom maghmula izda inutilment ghaliex baqa ma sar xejn biex tigi rimedjata s-sitwazzjoni.

U illi nonostanti d-diversi lmenti gusti tal-atturi baqa ma sar sostanzjalment xejn biex is-sitwazzjoni tigi rrangata u l-posizzjoni tal-azzjonisti miljorata.

U illi l-gestjoni tal-grupp qiegheda tidhol fi progetti intizi iex ikabbru r-rimunerazzjoni percepita mill-grupp dirigenti, minnghajr beneficcju reali jew dejjem lill-grupp, anzi f'diversi
okkazzjonijiet bir-risultat ta' telf enormi ghad-dannu ta' l-istess azzjonisti.

U illi l-atturi ghandhom dritt ma jigu izjed assoggettati ghal dina l-oppressjoni sistematika u kontinwa.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

Tiddikjara li l-atturi qieghedin jigu sistematikament oppressi, mwarrba diskriminati u svantaggati fil-gestjoni tal-grupp ta’ socjetajiet formanti l-grupp Mizzi Organisation, ta’ liema grupp huma, f’limkien ma ohrajn, huma azzjonisti ahharin.

Salv kull dritt spettanti lill-atturi ghar-rimedji opportuni li jigu mitluba f’gudizju separat.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentat fit-8 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

1. Preliminarjament illi l-proceduri odjerni huma nulli u bla effett stante illi l-premessi u t-talba kif dedotti fic-citazzjoni jistghu jinkwadraw ruhhom biss fil-kuntest tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-ligijiet ta’ Malta u l-allegat agir tal-konvenuti (jew min minnhom) huma wiehed azzjonabbli biss abbazi ta’ dak l-istess artiklu u ghalhekk dawn il-proceduri setghu biss jigu ntavolati permess ta’ rikors kif jitlob dak l-istess artiklu b’mod tassattiv; u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigi liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Minghajr pregudizjju ghas-suespost u wkoll in linea preliminari, illi l-ebda wiehed mill-atturi m’ghandu l-*locus standi* necessarju biex jaghmel jew taghmel id-domanda maghmula fic-citazzjoni fil-konfront tas-socjetajiet eccipjenti, ghaliex l-atturi mhumiex membri tal-istess, u ghalhekk l-istess socjetajiet ghandhom jigu liberati mid-domandi.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll in linea preliminari, l-artikolu 402 tal-Kap. 386 ma jaghtix

rimedju kontra d-diretturi personalment, u ghalhekk il-konvenuti diretturi ghandhom jigu liberati mill-domandi.

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, preliminarjament ukoll, illi hadd mill-atturi m'ghandu l-interess guridiku necessarju biex jippromwovi l-proceduri odjerni u ghalhekk ukoll il-konvenuti ghandhom jigu liberati mid-domandi.

5. Illi fil-mertu l-allegazzjonijiet dedotti fic-citazzjoni li s-socjetajiet Mizzi Holdings Limited, Consolidated Holdings Limited, Kastell Limited u The General Soft Drinks Limited (aktar il-quddiem imsejha *Il-Grupp*) qedghin jigu gestiti b'mod lijarreka pregudizzju evidenti u serju lill-istess socjetajiet ; li l-istess socjetajiet qieghdin jitmexxew b'mod irresponsabbli mid-diretturi; u li l-atturi qedghdin jigu sistematikament oppressi, mwarrba, diskriminati u svantaggjati fil-gestjoni tal-Grupp, huma kollha michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra kontra l-atturi li huma sa minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet illi permezz taghha s-socjetajiet konvenuti eccepixxew:

1. Preliminarjament l-istanza hi rrita u dana peress illi ma gietx segwita l-procedura kontemplata fl-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta illi tesigi illi tali istanza ghandha ssir per mezz ta' rikors u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-giudizzju.

2. Preliminarjament ukoll u bla pregiudizzju ghall-fuq espost espost ma jezistux ir-rekwisiti rikjesti f-materja Socjetarja illi jaghtu lill-atturi dritt ta' azzjoni kontra l-

eccipjenti u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-giudizzju.

3. Fil-mertu l-allegazzjonijiet kollha dwar oppressjoni, trattament diskriminatorju u allegazzjonijiet ohra huma ghal kollox infondati peress illi ghalkemm l-atturi huma azzjonisti minoritarji fis-socjetajiet eccipjenti huma dejjem gew trattati b-mod gust u xieraq bhall-azzjonisti l-ohra kif hu ben saput mill-attur Gordon Mizzi li sa ftit zmien ilu kien jesplika il-mansjonijiet tieghu ta' direttur taz-zewg socjetajiet. Per konsegwenza d-domanda attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Salv jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetajiet konvenuti mahlufa mill-P.L. G Bonello u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali komprizi n-noti ta' sottomisjonijiet tal-partijiet u l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Novembru, 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Ikkunsidrat.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti trid tiddeciedi dwar l-eccezzjoni li l-procedura indikata f'din il-kawza kellha tkun ta' rikors u mhux citazzjoni ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpanniji u jekk l-atturi f'din il-kawza ghandhomx *locus standi*.

Il-Qorti sejra mill-ewwel tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni billi tghid li fil-waqt li c-citazzjoni, ghalkemm ma ssemmi ebda artiklu, tindika li l-atturi iridu jipprevalixxu ruhhom mill-
artikolu imsemmi. L-Artikolu 164 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li ma hemm ebda nullita' jekk kawza li messha giet mibdija b'rikors tigi mibdija b'citazzjoni, u jaghmilha cara ukoll li l-Qorti ghandha l-poter tordna l-bidla tal-att u li dan jerga' jigi notifikat mill-gdid. Kien ikun differenti kieku minnflok citazzjoni jintuza rikors (ara sentenza ta' din il-Qorti moghtija fis-17 ta'

Novembru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet Attard Montalto vs Degiorgio). Hu minnu li l-istess sub-artikolu jghid li l-istess sub-artikolu ma japplikax fejn hu propost minn xi Ligi ohra li l-azzjoni trid tibda b'rikors izda dan ma japplikax ghas-subartikolu kollu u ghalhekk il-Qorti ma thossx illi ghandha tapplika rigidament il-procedura billi tannullaha u dan ghaliex l-Artikolu 164 (1) isemmi biss meta l-procedura ndikata tkun citazzjoni jew rikors tal-appell (u tintuza procedura ohra) bhala l-istanzi fejn ikun hemm nullita'. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda, ghalkemm il-Qorti taqbel li l-Artikolu 402 imsemmi jaghmilha cara li l-procedura li kellha tintuza kienet ir-rikors.

Il-kwistjoni tal-*locus standi* tal-atturi hija ferm aktar komplikata u timmerita aktar attenzjoni. Fil-verita' il-konvenuti uzaw terminologija differenti meta ntavolaw din l-eccezzjoni. Il-konvenuti Demoncada Limited (u Demoncada Holdings) qed jghidu li *ma jezistux ir-rekwiziti rikjesti f' materja socjetarja illi jaghtu lill-atturi dritt ta' azzjoni kontra l-eccipjenti ....* u l-konvenuti l-ohra qed jghidu illi *ebda wiehed mill-atturi ma ghandhu l-locus standi necessarju biex jaghmel jew taghmel id-domanda maghmula fic-citazzjoni fil-konfront tas-socjetajiet eccipjenti ghaliex l-atturi mhumiex membri tal-istess .. ….*

Kif gia' inghad l-atturi qed jipproponu din il-kawza billi juzaw it-terminologija tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 bl-uzu tal-kliem *oppressjoni* u *diskriminazzjoni*; fic-citazzjoni hemm ukoll termini ohra bhal *imwarrba u zvantaggati.* Il-gist pero' hu l-istess – l-atturi qed isostnu li l-*modus operandi* tal-grupp imsemmi qed jikkrejalhom ingustizzja. Allura l-Qorti trid tara jekk l-azzjoni odjerna tinkwadrax taht dan l-artiklu. Dan jispecifika car illi din l-azzjoni tista' ssir minn *Kull membru ta' kumpannija.*

L-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom indikaw xi sentenzi dwar il-possibilta' ta' kawza li fiha ssir talba dikjaratorja. Il-Qorti thoss li din m'hijiex il-kwistjoni principali sollevata minn din l-eccezzjoni. Il-konvenuti m'humiex jghidu li ma tistax issir kawza biex wiehed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti izda li l-atturi m'humiex membri tas-socjetajiet konvenuti u kwindi ma tistax issir il-kawza kif

proposta. Meta rrispondew ghal din l-eccezzjoni fl-istess nota argumentaw li huma membri tas-socjeta' Demoncada Ltd u Demoncada Holdings u socji fil-kumpanniji tal-grupp *tramite* l-interess taghhom f'dawn is-socjetajiet. Wara mbaghad indikaw sentenzi lokali u barranin dwar l-hekk imsejjha azzjoni derivattiva.

Il-konvenuti John Grech et fin-nota taghhom spjegaw iktar dettaljatament il-komposizzjoni tal-hekk imsejjah *Mizzi Group* u l-involviment ezatt tal-atturi. Minn dan jidher li l-atturi personalment ma ghandhom ebda interess fis-socjetajiet konvenuti u hija biss is-socjeta' Demoncada Limited (u Demoncada Holdings) illi ghandhom azzjonijiet **f'uhud mis-socjetajiet konvenuti.** Dawn huma Mizzi Holdings, Consolidated Holdings, Kastell u General Soft Drinks. Fil-fatt is-socjetajiet l-ohra konvenuti huma proprjeta' ta' uhud mill-konvenuti personalment. Huwa ghalhekk car illi fil-konfront tas-socjetajiet Devilhena Limited u Daragon Limited, l-atturi ma jistghux jipproponu l-azzjoni personalment ghaliex ma ghandhom ebda azzjoni fihom. Hawnhekk lanqas is-socjetajiet Demoncada u Demoncada Holdings ma ghandhom azzjonijiet u kwindi, skond il-konvenuti l-atturi lanqas jistghu jipproponu l-azzjoni taht l-Artikolu 402 fir-rigward taghhom.

Il-konvenuti John Grech u l-ohrajn isostnu ukoll illi din l-azzjoni ma tistax tigi esercitata kontra taghhom personalment bhala diretturi u jiccitaw awtoritajiet Inglizi u sentenzi tal-Qrati taghna fuq dan il-punt. Jghidu ukoll li l-lanjanza tal-atturi ma setghetx tigi b'xi mod proposta u allura giet adottata din il-procedura bhala azzjoni derivattiva u spjegaw dettaljatament fin-nota taghhom (Fol 152 *et seq*) ghaliex f'dan il-kaz din l-azzjoni ma tistax lanqas tigi esercitata.

Il-konvenuti l-ohra iktar ikkoncentraw fuq il-kwistjoni sostantiva *per se* u dwar jekk l-azzjoni attrici hijiex wahda purament dikjaratorja minghajr il-veru nteress guridiku.

Il-Qorti l-ewwelnett thoss li ghandha tesamina sew it-talba tal-atturi biex tiddeciedi dan il-punt. L-atturi kif gia' nghad qed jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenuti agixxew maghhom b'mod ingust, diskriminatorju u oppressiv. Taqta' l-erba' socjetajiet konvenuti msemmija ebda wiehed mill-konvenuti l-ohra ma jistghux jigu citati taht l-Artikolu 402 fuq imsemmi f'dan is-sens. Dan ghaliex dan jista' jsir biss fil-konfront tas-socjeta' li taghha huma membri. Is-socjetajiet l-ohra konvenuti u certament il-konvenuti personalment ma jistghux jigu citati taht din il-procedura.

Fil-konfront tas-socjetajiet l-ohra huma l-istess socjetajiet Demoncada u Demoncada Holdings li ghandhom azzjonijiet. L-atturi qed jghidu li qed jigu diskriminati fit-tmexxija ta' dawn is-socjetajiet ukoll u ghalhekk in effetti qed jipproponu l-azzjoni derivattiva. Fir-Renju Unit din l-azzjoni twieldet bhala eccezzjoni ghar-regola fundamentali fil-famuz kaz Foss vs Harbottle li logikament fassal il-principju illi socjeta' ghandha tkun hi stess attrici jew konvenut f'kull vertenza gudizzjarja. Maz-zmien pero' gie zviluppat id-dritt ta' azzjonist minoritarju illi jistitwixxi azzjoni minnflok is-socjeta' f'certi cirkostanzi u eventwalment il-legislatur ipprovda ghaliha, kif ghamel wara l-legislatur taghna ukoll kif hu ndikat iktar l' isfel. Kif wiehed isib f'Charlesworth and Morse – Company Law (15th Edition), pagna 401,

*The nature of the derivative action is that it is a procedural device for enabling the Court to do justice to a company controlled by miscreant directors or shareholders. It follows that the Court is entitled to examine the conduct of whoever intends to start such proceedings – he must be doing so for the benefit of the company and not for such other purpose,*

*It follows … that if the company has no right to bring the derivative action then no derivative action can be allowed.*

Fil-kaz in ezami l-atturi ghandhom ishma fis-socjetajiet Demoncada kif inghad. Il-kwistjoni hija allura jekk jistghux jesercitaw l-azzjoni taht l-Artikolu 402 taht dawn il-kondizzjonijiet. Ezami tac-cirkostanzi fejn din l-azzjoni giet

ammessa jindikaw li dan mhux il-kaz. Kif ghadu kif gie citat din l-azzjoni trid issir **ghall-beneficcju tas-socjeta’ li taghha l-attur hu azzjonist, u mhux ghall-beneficcju tieghu**. L-azzjonist ghandu rimedji ohra (infatti l-istess azzjonisti ipprocedew kontestwalment biex jitolbu l-istralc tas-socjeta’ li taghha huma azzjonisti). Huwa f’dan l-ambitu li ghandhom dritt jitolbu s-salvagwardji taghhom u mhux jinvolvu socjetajiet ohra li taghhom m’humiex personalment azzjonisti. Kif anke issottomettew il-konvenuti, ma jistax ikun li azzjonist ta’ kumpanija jistitwixxi proceduri kontra kumpanija li taghha m’huwiex azzjonist fuq il-bazi li hu azzjonist ta’ socjeta’ li hija membru ta’ dik il-kumpannija. Il-Qorti hija tal-fehma li semmai l-atturi kien messhom utilizzaw il-procedura mahsuba mill-Artikolu 402 (2) (e) – il-verzjoni taghna ta’ l-azzjoni derivattiva - li jispecifika procedura li iktar tista’ taghti rimedju ghal lanjanzi taghhom, dejjem jekk dawn huma gustifikati u jigu provati. Dan ghaliex fil-fatt dan is-sub-inciz jaghti s-setgha lill-Qorti li **tordna hi stess lill-kumpanija** biex tiehu l-azzjonijiet legali li tkun qed tirrifjuta li tiehu jekk issib li t-talba tal-azzjonist tkun gustifikata. Biex taghmel dan pero’ irid ikollha indikazzjoni cara ta’ x’inhuma dawn l-azzjonijiet u mhux talba biex taghti sentenza dikjaratorja kif qed tintalab taghmel f’dan il-kaz. Il-Qorti taqbel li hemm cirkostanzi fejn attur ghandu dritt jaghmel talba biex tinghata sentenza dikjaratorja izda fil-kaz odjern ma tarax ghaliex l-atturi ghamlu dan minghajr ma specifikaw ir-rimedju li qed jitolbu. Ma jaghmilx sens li fejn il-Ligi tipprovdi li wiehed jista’ jipprocedi permezz ta’ rikors biex jaghmel certu talbiet u jitlob certi rimedji, minnflok, jipprocedi permezz ta’ citazzjoni biex tinghata dikjarazzjoni gudizzjarja halli mbaghad ikun jista’ jaghmel xi wahda mit-talbiet u jitlob wiehed mir-rimedju kontemplati mil-Ligi. Dan apparti l-kwistjoni tal-procedura li kellha tigi adottata, li dwarha l-Qorti gia’ ikkumentat.

Fil-qosor il-Qorti ma tara ebda beneficcju ghas-socjetajiet li taghhom l-atturi huma azzjonisti li jiggustifikaw l-azzjoni derivattiva.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, fil-waqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-tieni eccezzjoni taghhom u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Spejjes tal-kawza jithallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------